MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Rikors Numru. 82/2007

**Gie Pari Mutuel Urbain (PMU)**

**vs**

**Zeturf Limited (C35469)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti ezebiti.

Rat l-atti kollha.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti qeghda titlob lil din il-Qorti biex tiddikjara li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell f`Parigi Franza tas-7 ta` Dicembru, 2006 fl-ismijiet Gie Pari Mutuel Urbain (PMU vs Zefurf Limited (C35469) ghandha tigi enfurzata kontra s-socjeta` intimata.

Din it-talba saret ai termini tal-Art 1 ta` regolament 44/2001 dwar il-Gurisdizzjoni u r-Rikonoxximent u l-Infurzar ta` sentenzi f`materji Civili u kummercjali li jorbot lil Malta bhala membru tal-Unjoni Ewropea.

L-istess Art. 1 tar-Regolament 44/2001 jghid:

*“This regulation shall apply in civil and commercial matters whatever the nature of the court or tribunal”*.

Huwa minnu li, din il-Qorti meta jkollha quddiemha talba ghal enfurzar ta` sentenza ma tistax tidhol fil-merti tal-kwistjoni li tkun wasslet ghal din is-sentenza li taghha qed jintalab l-enfurzar.

Madanakollu din il-Qorti ghandha dejjem l-obbligu li tara li d-decizjoni tal-Qorti barranija taqa` fil-parametri tal-istess regolament li ai termini tieghu qed jintalab l-enfurzar.

L-Onor. Qorti tal-Appell ta` Malta diga` kellha okkazzjoni tippronunzja ruhha f`zewg kawzi bejn l-istess partijiet u fondalment konnessi ma` dik odjerna, li wkoll imponew penali fuq is-socjeta` Zeturf.

Il-Qorti tal-Appell kellha dan xi tghid fis-sentenza taghha tad-9 ta` Jannar, 2007:

*“Is-socjeta` appellata, ghalhekk, agixxiet fil-kaz de quo fil-Qrati Francizi mhux fl-ambitu tad-dritt privat li jirregola n-negozju, civili jew kummercjali, bejn persuni privati, izda fl-ambitu tad-dritt pubbliku biex tittuleta monopolju fl-interess ta` l`ordre public francais. Isegwi necessarjament, ghalhekk, li l-materja tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell ta` Parigi tal-4 ta` Jannar, 2006, ghalkemm formalment jew apparentement ta` natura civili jew kummercjali, fir-realta` taqa` fl-ambitu tad-dritt pubbliku, u ghalhekk hija*

*espressament eskluza mill-operat tar-Regolament 44/2001 in vista ta` dak li jipprovdi l-Artikolu 1(1) tal-istess regolament, aktar 'l fuq imsemmi.*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------